

Brussell, 20 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7087/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0015 (COD)

CODEC 371
TRANS 113
MI 172
EDUC 94
PE 30

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 12 sal-15 ta' Marzu 2018)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Peter LUNDGREN (EFDD, SE), ippreżenta emenda ta' compromess waħda (l-emenda 41) għall-proposta għal Direttiva, fisem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fit-13 ta' Marzu 2018, il-plenarja adottat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 41) għall-proposta għal Direttiva. Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien miftiehem bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq u l-liċenzji tas-sewqan *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan (COM(2017)0047 – C8-0025/2017 – 2017/0015(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2017)0047),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0025/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2017³,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2017 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0321/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 115.

P8_TC1-COD(2017)0015

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2018 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 115.

⁵ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2018.

Billi:

- (1) Fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011, bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti", il-Kummissjoni tistabbilixxi objettiv ta' "viżjoni żero" skont liema l-Unjoni toqrob lejn pożizzjoni ta' rata żero ta' fatalitajiet fit-trasport stradali sal-2050.
- (2) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza stradali għall-2011-2020, bit-titolu "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020", ipproponiet il-mira li l-għadd globali ta' fatalitajiet fit-toroq fl-Unjoni sal-2020 jerġa' jitnaqqas bin-nofs, b'bidu fl-2010. Bil-ħsieb li tintlaħaq din il-mira, il-Kummissjoni stabbiliet seba' objettivi strateġiċi, inklużi t-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-utenti stradali u l-protezzjoni ta' utenti stradali vulnerabbli.
- (3) ***Il-Kunsill Ewropew tat-23 sal-24 ta' Ottubru 2014 approva mira vinkolanti biex sal-2030 ikun hemm tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi ekonomiċi kollha ta' mill-inqas 40 % meta mqabbel mal-1990. Din il-mira għat-tnaqqis ta' emissjonijiet se tgħin biex jiġu ssodisfati l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u jenħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu biex din tinkiseb. Is-settur tat-trasport jeħtieġ approċċ komprensiv għall-promozzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-effiċjenza enerġetika. Jenħtieġ li jsir progress lejn mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet, anke permezz tar-riċerka u tal-introduzzjoni ta' avvanzi teknoloġiċi li huma diġà disponibbli. Is-sewwieqa jeħtieġ li jkunu mħarrġa b'mod xieraq biex isuqu bl-aktar mod effiċjenti.***

- (4) Wara li evalwat l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' nuqqasijiet. In-nuqqasijiet prinċipali identifikati kienu diffikultajiet rigward l-interpretazzjoni tal-eżenzjonijiet u inċertezza legali fl-interpretazzjoni tal-eżenzjonijiet; il-kontenut tat-taħriġ, li nstab li hu biss parzjalment rilevanti għall-ħtiġijiet tas-sewwieqa; diffikultajiet għas-sewwieqa biex jiksbu rikonoxximent reċiproku ta' taħriġ mitmum jew parzjalment mitmum li sar fi Stat Membru ieħor; u inkonsistenzi ta' rekwiżiti ta' età minima bejn id-Direttivi 2003/59/KE u 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (5) Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza legali fid-Direttiva 2003/59/KE, jenħtiegħ li kull referenza għall-atti tal-Unjoni mħassra jew mibdula titneħħa jew tiġi emendata.

⁶ Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

⁷ Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

- (6) Sabiex ikunu pprovduti ċ-ċertezza u l-konsistenza ma' atti tal-Unjoni oħrajn, jenħtieġ li jsiru għadd ta' bidliet għall-eżenzjonijiet għad-Direttiva 2003/59/KE, b'kont meħud ta' eżenzjonijiet simili skont ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. *Xi wħud minn dawk l-eżenzjonijiet jirrigwardaw sitwazzjonijiet meta s-sewqan ma jkunx l-attività prinċipali tas-sewwieq u meta l-ħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/59/KE tkun timponi piż sproporzjonat fuq is-sewwieqa. B'mod ġenerali, is-sewqan jitqies li mhux l-attività prinċipali tas-sewwieq meta jkun jokkupa inqas minn 30% tal-ħin tax-xogħol kontinwu tax-xahar.*
- (7) *Jekk is-sewqan ma jseħx b'mod frekwenti, isir f'żoni rurali u jitwettaq minn sewwieqa li jkunu qed ifornu lin-negozju tagħhom stess, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet japplikaw, sakemm is-sikurezza stradali tkun żgurata xorta waħda. Minħabba l-kundizzjonijiet differenti fiż-żoni rurali fl-Unjoni f'termini ta' ġeografija, klima u densità tal-popolazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa diskrezzjonali li jiddeterminaw jekk dan is-sewqan jistax jitqies bħala okkażżjonali u jekk eżenzjoni bħal din ikollhiex impatt fuq is-sikurezza stradali: pereżempju abbażi tat-tip ta' triq, il-volum tat-traffiku jew il-preżenza ta' utenti stradali vulnerabbli.*

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

- (8) *Peress li d-distanzi li jridu jkopru waqt ix-xogħol tagħhom il-persuni li jaħdmu fl-agrikoltura, l-ortikultura, il-forestrija, il-biedja u s-sajd, li huma eżenti minn din id-Direttiva, i varjaw minn pajjiż għal ieħor fl-Unjoni, jenħtieġ li titħalla f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw, fil-liġi nazzjonali tagħhom, distanzi massimi permessibbli, ikkalkulati mill-bażi tal-impriża, li għalihom japplikaw l-eżenzjonijiet.*
- (9) *Filwaqt li jkomplu jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni, jenħtieġ li daww is-sewwieqa li kienu eżentati mir-rekwiżit tal-kwalifika inizjali xorta jintalbu jieħdu taħriġ perijodiku biex jiġi żgurat li l-għarfien tagħhom, li huwa essenzjali għal xogħolhom, jibqa' jiġi aġġornat.*
- (10) *Jenħtieġ li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jaqsmu b'mod elettroniku informazzjoni dwar iċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali (CPC). Jenħtieġ li dawn jiżviluppaw il-pjattaforma elektronika meħtieġa, billi jqisu l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji magħmula mill-Kummissjoni, inkluża l-possibbiltà li jiġi estiż in-netwerk tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE stabbilit bid-Direttiva 2006/126/KE. Fost benefiċċji oħra, dan jippermetti lill-Istati Membri aċċess faċli għal informazzjoni dwar taħriġ mitmum li ma jkunx dokumentat fuq il-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq. Huwa importanti li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu sforzi biex jiżviluppaw ulterjorment din il-funzjonalità, b'għan ta' aċċess f'ħin reali waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq.*

- (11) B'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi fit-taħriġ u fl-edukazzjoni, u sabiex tittejjeb il-kontribuzzjoni tad-Direttiva 2003/59/KE għas-sikurezza stradali u r-rilevanza tat-taħriġ għas-sewwieqa, jenħtieġ li s-suġġetti relatati mas-sikurezza stradali jissaħħu fil-korsijiet ta' taħriġ, bħall-perċezzjoni tal-perikli; il-protezzjoni tal-utenti stradali vulnerabbli, ***b'mod partikolari l-persuni mexjin, iċ-ċiklisti u l-persuni b'mobbiltà limitata; is-sewqan effiċjenti fl-użu tal-fjuwil; sewqan f'kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-ġarr ta' piżijiet mhux tas-soltu. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-korsijiet jirreferu wkoll għas-sistemi ta' trasport intelliġenti u jenħtieġ li jevolvu sabiex ilaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi.***
- (12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw għażla ċara biex itejbu u jimmodernizzaw il-prattiki ta' taħriġ bl-użu tal-għodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), bħat-tagħlim elettroniku u t-tagħlim imħallat, għal parti mit-taħriġ, filwaqt li tkun żgurata l-kwalità tat-taħriġ. ***Waqt it-titjib u l-immodernizzar tal-prattiki tat-taħriġ bl-użu ta' għodod tal-ICT, huwa importanti li jitqies il-fatt li xi temi speċifiċi jirrikjedu taħriġ prattiku u ma jistgħux jiġu indirizzati sew b'dawn l-għodod tat-tagħlim: pereżempju, l-iffittjar tal-ktajjen tal-borra jew l-irbit tal-piżijiet, jew elementi oħra ta' taħriġ fejn l-aspett prattiku huwa importanti. It-taħriġ prattiku jista' jikkonsisti f'sewqan, iżda mhux bilfors. Jenħtieġ li ammont sostanzjali mit-taħriġ mitlub minn din id-Direttiva jsir f'ċentru tat-taħriġ approvat.***

- (13) Sabiex tkun żgurata l-konsistenza bejn il-forom differenti ta' taħriġ mitluba skont il-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jikkombinaw tipi differenti ta' taħriġ rilevanti: pereżempju, jenħtieġ li jkun possibbli għalihom li jikkombinaw taħriġ dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża, dwar is-sensibilizzazzjoni għad-diżabbiltà jew dwar it-trasport tal-annimali, mat-taħriġ previst fid-Direttiva 2003/59/KE.
- (14) Sabiex prattiki differenti bejn l-Istati Membri ma jitħallewx ifixklu r-rikonoxximent reċiproku u jillimitaw id-drift tas-sewwieqa li jwettqu t-taħriġ perjodiku fl-Istat Membru fejn jaħdmu, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri, ***jekk it-taħriġ ikkompletat ma jkunx jista' jiġi mmarkat fuq il-liċenzja tas-sewqan***, ikunu obbligati joħorġu ***kard ta' kwalifika tas-sewqan, fil-forma preskritta mill-mudelli standard***, li jiżgura rikonoxximent reċiproku għal kull sewwieq li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/59/KE.
- (15) ***L-użu tal-attestazzjonijiet tas-sewqan bħala evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti ta' taħriġ minn sewwieqa minn pajjiżi terzi jista' jkun ta' xkiel għas-sewwieqa meta t-trasportatur irodd lura l-attestazzjoni lill-awtoritajiet emittenti, speċjalment meta dawk is-sewwieqa jkunu jixtiequ jibdwu jaħdmu fi Stat Membru ieħor. Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, f'ċirkostanzi bħal dawn, is-sewwieqa jkollhom jirrepetu t-taħriġ tagħhom meta jibdwu impjieg ġdid, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jikkoperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwalifiki tas-sewwieqa.***

- (16) *Sabiex ikun hemm tranżizzjoni bla xkiel, jenħtieġ li l-attestazzjonijiet tas-sewqan u l-kards ta' kwalifika tas-sewqan validi maħruġa skont ir-regoli applikabbli qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet emendati minn din id-Direttiva, ikunu rikonoxxuti għall-perijodu sad-data tal-iskadenza tagħhom. Dawk l-emendi ma jinvalidawx it-taħriġ meħud jew il-liċenzji tas-sewqan maħruġa biex jiċċertifikaw tali taħriġ, qabel l-applikazzjoni tagħhom.*
- (17) Sabiex ikun hemm ċarezza legali u sabiex ikunu żgurati rekwiżiti ta' età minima armonizzati għall-finijiet stabbiliti fid-Direttiva 2003/59/KE, jenħtieġ li tiġi stabbilita deroga ċara fid-Direttiva 2006/126/KE, fejn jiġi stipulat li l-liċenzji tas-sewqan jistgħu jinħarġu fl-etajiet minimi previsti fid-Direttiva 2003/59/KE. *Din il-kjarifika tikkonċerna l-età minima ġenerali tas-sewwieqa ta' ċerti kategoriji ta' vetturi li jkollhom CPC u ma taffettwax l-għażliet eżistenti li jnaqqsu dawn ir-rekwiżiti ta' età minima jew jipprovdulhom eżenzjonijiet.*

- (18) *Jenħtieġ li l-emendi għad-Direttiva 2006/126/KE jkunu limitati għal dawk li huma relatati direttament mar-reviżjoni tad-Direttiva 2003/59/KE u biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv. Jidher li hemm xewqa ta' analiżi aktar bir-reqqa tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, inkluż id-delinjament bejn ċerti kategoriji ta' vetturi, u jkun tajjeb li din tiġi inkluża fi kwalunkwe rieżami fil-futur tad-Direttiva 2006/126/KE.*
- (19) *Sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib fil-kwalità tal-arja, billi jiffaċilitaw l-użu ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jippermettu, fit-territorju tagħhom, li d-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B isuqu ċerti tipi ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv li l-massa massima awtorizzata tagħhom tkun ta' aktar minn 3 500kg iżda li ma taqbiżx l-4 250 kg. Jenħtieġ li dik il-possibbiltà li jinqabeż it- 3 500 kg tkun kundizzjonali fuq il-fatt li din il-massa addizzjonali permessa tkun esklużivament riżultat tal-eċċess tal-piż li jirriżulta mis-sistemi ta' propulsjoni alternattivi u jenħtieġ li tkun soġġetta għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet maħsuba biex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-sikurezza stradali.*

(20) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tal-istandard mifrux madwar l-UE kollha ta' kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku għas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba n-natura transkonfinali tat-trasport stradali u minħabba l-kwistjonijiet li din id-Direttiva hija maħsuba li tindirizza, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(21) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2003/59/KE u 2006/126/KE jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2003/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika għal xogħol ta' sewqan magħmul minn:

(a) ċittadini ta' Stat Membru; u

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma impjegati jew dipendenti ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru,

minn hawn 'il quddiem imsejħa 'sewwieqa', li jagħmlu xogħol ta' trasport stradali fi ħdan l-Unjoni, f'toroq miftuħa għall-pubbliku, billi jużaw:

- vetturi li għalihom hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-kategorija C1, C1+E, C jew C+E, kif definit fid-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew liċenzja tas-sewqan rikonoxxuta bħala ekwivalenti,
- vetturi li għalihom hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-kategorija D1, D1+E, D jew D+E, kif iddefinit fid-Direttiva 2006/126/KE, jew liċenzja tas-sewqan rikonoxxuta bħala ekwivalenti.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ir-referenzi għall-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan li fihom sinjal pożittiv ("+") għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrispondenza stabbilita fl-Anness III.

* Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).";

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Eżenzjonijiet

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal sewwieqa ta' vetturi:

- (a) b'veloċità massima awtorizzata li ma taqbiżx il-45 km fis-siegħa;
- (b) użati mill-forzi armati, id-difiża ċivili, is-servizz tat-tifi tan-nar, ***il-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku, u s-servizzi ta' emerġenza bl-ambulanza***, jew taħt il-kontroll tagħhom, meta l-ġarr isir bħala konsegwenza tal-kompiti assenjati lil dawk is-servizzi;
- (c) li jkunu qed isirulhom testijiet stradali għal żvilupp tekniku, tiswija jew manutenzjoni, jew is-sewwieqa ta' vetturi ġodda jew mibnija mill-ġdid li għadhom ma bdewx jintużaw;
- (d) ***li għalihom hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-kategorija D jew D1 u li huma misjuqa mingħajr passiġġieri minn persunal tal-manutenzjoni lejn jew minn ċentru ta' manutenzjoni li jkun jinsab fil-viċinanza tal-eqreb bażi ta' manutenzjoni li tintuża mill-operatur tat-trasport, bil-kundizzjoni li l-vettura ma tikkostitwixxix l-attività prinċipali tas-sewwieq;***

- (e) użati fi stati ta' emerġenza jew assenjati għal missjonijiet ta' salvataġġ, inklużi vetturi użati fit-trasport mhux kummerċjali ta' għajjuna umanitarja;
- (f) użati għall-istruzzjoni fis-sewqan u l-eżami tiegħu għal kwalunkwe persuna li tkun tixtieq tikseb liċenzja tas-sewqan jew Ċertifikat ta' Kompetenza Professionali (CPC), f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 8(1), sakemm ma jkunux qed jintużaw għall-ġarr kummerċjali ta' merkanzija u passiġġieri;

- (g) użati għall-ġarr mhux kummerċjali ta' passiġġieri jew merkanzija;
- (h) li jkunu qed iġorru materjal, tagħmir jew makkinarju li jkun se jintuża mis-sewwieqa matul il-ħidma tagħhom, sakemm is-sewqan tal-vetturi mhux l-attività prinċipali tas-sewwieqa.

Fir-rigward tal-punt (f) ta' dan il-paragrafu, din id-Direttiva ma tapplika għall-ebda persuna li tkun tixtieq tikseb liċenzja tas-sewqan jew ċertifikat ta' kompetenza professjonali (CPC), f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 8(1), meta dik il-persuna tkun qed tieħu taħriġ addizzjonali fis-sewqan waqt tagħlim ibbażat fuq il-post tax-xogħol, dment li dik il-persuna tkun akkumpanjata minn persuna oħra ċċertifikata b'CPC, jew minn għalliem tas-sewqan, għall-kategorija tal-vettura użata għall-iskop stabbilit f'dak il-punt.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) is-sewwieqa tal-vetturi joperaw f'żoni rurali biex ifornu lin-negozju tas-sewwieq stess,*
- (b) is-sewwieqa ma joffrux servizzi ta' trasport, u*
- (c) l-Istati Membri jikkunsidraw li t-trasport ikun okkażżjonali u ma jħallix impatt fuq is-sikurezza stradali.*

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għas-sewwieqa ta' vetturi użati, jew mikrija mingħajr sewwieq, minn impriżi agrikoli, ortikulturali, tal-forestrija, tal-biedja jew tas-sajd għall-ġarr ta' merkanzija bħala parti mill-attività intraprenditorjali proprja tagħhom, *ħlief jekk is-sewqan ikun parti mill-attività prinċipali tas-sewwieq jew is-sewqan jaqbeż id-distanza stabbilita fil-liġi nazzjonali mill-bażi tal-impriża li tippossjedi jew tikri l-vettura.*";

(3) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Taħriġ perjodiku

It-taħriġ perjodiku għandu jikkonsisti f'taħriġ biex id-detenturi ta' CPC jkunu jistgħu jaġġornaw l-għarfien li huwa essenzjali għax-xogħol tagħhom, b'enfasi speċifika fuq is-sikurezza stradali, *is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-sewqan.*

Dak it-taħriġ għandu jiġi organizzat minn ċentru ta' taħriġ approvat, f'konformità mat-taqsimha 5 tal-Anness I. ***It-taħriġ għandu jikkonsisti f'taġħlim fil-klassi, taħriġ Prattiku u, jekk ikun disponibbli, taħriġ permezz ta' għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) jew fuq simulaturi tal-aqwa kwalità.*** Jekk sewwieq imur jaħdem ma' kumpannija oħra, għandu jitqies it-taħriġ perjodiku li jkun għamel.

It-taħriġ perjodiku għandu jkun imfassal biex jespandi fuq, u jirrevedi, uħud mis-suġġetti msemmija fit-taqsimha 1 tal-Anness I. Dan għandu jkopri varjetà ta' suġġetti u għandu dejjem jinkludi mill-inqas suġġett wieħed relatat mas-sikurezza stradali. Is-suġġetti tat-taħriġ għandhom iqisu ***l-iżviluppi fil-leġislazzjoni u t-teknoloġija rilevanti, u għandhom, kemm jista' jkun, iqisu l-ħtiġijiet tat-taħriġ speċifiċi tas-sewwieq.***";

(4) Fl-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Is-sewwieqa msemija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva għandhom jiksbu l-kwalifika inizjali msemija fl-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva fl-Istat Membru fejn ikollhom ir-residenza normali tagħhom, kif definit fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2006/126/KE.";

(5) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Kodiċi tal-Unjoni

1. Abbażi tas-CPC li jiċċertifika kwalifika inizjali u s-CPC li jiċċertifika taħriġ perjodiku, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) u (3) ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva, jimmarkaw il-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, '95', previst fl-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE, flimkien mal-kategoriji ta' liċenzja korrispondenti:

- fuq il-liċenzja tas-sewqan, jew
- fuq il-kard ta' kwalifika tas-sewqan imħejjija f'konformità mal-mudell muri fl-Anness II f'din id-Direttiva.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn inkiseb is-CPC *ma jkunux jistgħu jimmarkaw il-kodiċi tal-Unjoni fuq il-liċenzja tas-sewqan, huma* għandhom joħroġu kard ta' kwalifika tas-sewqan lis-sewwieq.

Il-kard ta' kwalifika ta' sewwieq maħruġa minn Stat Membru għandha tkun rikonoxxuta reċiprokament. Meta tinħareġ il-kard, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkontrollaw il-validità tal-liċenzja tas-sewqan *għall-kategorija tal-vettura kkonċernata*.

2. Sewwieq imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1 li jsuq vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija bit-triq għandu *wkoll jitħalla* jipprovdi evidenza li għandu l-kwalifika u t-taħriġ previsti f'din id-Direttiva permezz tal-attestazzjoni tas-sewqan prevista fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, *dment li fuqha jkollha l-kodiċi tal-Unjoni, '95'*. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, *l-Istat Membru emittenti għandu jindika l-kodiċi tal-Unjoni, '95' fit-taqsima tar-rimarki tal-attestazzjoni jekk is-sewwieq ikkonċernat ikun issodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifika u r-rekwiżiti għat-taħriġ previsti f'din id-Direttiva*.

3. *L-attestazzjonijiet tas-sewqan li ma jkollhomx il-kodiċi tal-Unjoni, '95', maħruġ qabel [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, u b'mod partikolari l-paragrafu 7 tiegħu, fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tat-taħriġ skont din id-Direttiva, għandhom jiġu aċċettati bħala evidenza tal-kwalifika sad-data tal-iskadenza tagħhom.*

-
- * Ir-Regolament (UE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).";

(6) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 10a

Netwerk ta' infurzar

1. *Għal skopijiet ta' infurzar, l-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar is-CPCs maħruġa jew irtirati. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppaw netwerk elettroniku jew jaħdmu fuq estensjoni ta' netwerk eżistenti, filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aktar għażla kosteffikaċi.*

2. *In-netwerk jista' jkun fih l-informazzjoni inkluża fis-CPCs kif ukoll informazzjoni dwar il-proċeduri amministrattivi relatati mas-CPCs.*
3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jitwettaq biss għall-finijiet ta' verifika ta' konformità ma' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tat-taħriġ stabbiliti f'din id-Direttiva, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.*
4. *L-aċċess għan-netwerk għandu jkun sigur. L-Istati Membri jistgħu jagħtu aċċess biss lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u għall-kontroll tal-konformità magħha.*

* *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p.1).";*

(7) L-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Id-Direttiva 2006/126/KE hija emendata kif ġej:

(1) *L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:*

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (e), it-tielet inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-età minima għall-kategoriji C1 u C1E hija ta' 18-il sena;"

(ii) fil-punt (g), it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-età minima għall-kategoriji C u CE hija ta' 21 sena;"

(iii) fil-punt (i), it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-età minima għall-kategoriji D1 u D1E hija ta' 21 sena;"

(iv) fil-punt (k), it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-età minima għall-kategoriji D u DE hija ta' 24 sena;"

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. B'deroga mill-etajiet minimi stabbiliti fil-punti (g), (i) u (k) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-età minima għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan fil-kategorija C u CE; D1 u D1E; u D u DE rispettivament għandha tkun l-età minima preskritta għas-sewqan ta' tali vetturi għal detenturi ta' CPC stabbilita fl-Artikolu 5(2), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(i), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(ii) jew il-punt (b) tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* kif applikabbli.

Fejn, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(i) jew it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(ii) tad-Direttiva 2003/59/KE, Stat Membru jawtorizza s-sewqan fi ħdan it-territorju tiegħu minn età aktar baxxa, il-validità tal-liċenzja tas-sewqan għandha tkun limitata għat-territorju tal-Istat Membru emittenti sakemm id-detentur tal-liċenzja jilħaq l-età minima rilevanti msemmija fl-ewwel *subparagrafu ta' dan il-paragrafu* u jkollu CPC.

* Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).”;

(2) *Fl-Artikolu 6(4), jiżdied il-punt li ġej:*

"(c) il-vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3 500 kg iżda mhux aktar minn 4 250 kg għat-trasport ta' merkanzija, operati mingħajr karru minn detenturi ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B li tkun inħarġet mill-inqas sentejn qabel, dment li l-massa li taqbeż it-3 500 kg tkun dovuta esklużivament għall-eċċess ta' massa tas-sistema ta' propulsjoni meta mqabbla mas-sistema ta' propulsjoni ta' vettura tal-istess dimensjonijiet, mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna konvenzjonali bi tqabbid bl-ispark plaggs jew bil-kompressjoni, u bil-kundizzjoni li ma tiżdiedx il-kapaċità tat-tagħbija fir-rigward tal-istess vettura.*

** Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).";*

(3) *L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 15

Assistenza reċiproka

I. L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għandhom jaqsmu informazzjoni dwar il-liċenzji li jkunu ħarġu, skambjaw, issostitwixxew, ġeddew jew ikkanċellaw. Huma għandhom jużaw in-netwerk tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE stabbilit għal dawn il-finijiet, hekk kif dan in-netwerk isir operattiv.

2. *In-netwerk jista' jintuża wkoll għall-iskambju ta' informazzjoni għall-iskopijiet ta' kontroll previsti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.*
3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali skont din id-Direttiva jitwettaq esklużivament għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u d-Direttivi 2003/59/KE u (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mwettaq fil-qafas ta' din id-Direttiva għandu jkun f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679** u (KE) Nru 45/2001*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*
4. *L-aċċess għan-netwerk għandu jkun sigur. L-Istati Membri jistgħu jagħtu aċċess biss lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli mill-implimentazzjoni u l-kontroll ta' konformità ma' din id-Direttiva u d-Direttivi 2003/59/KE u (UE) 2015/413.*

* *Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9);*

** *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1);*

*** *Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1)."*

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], ***għajr għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-punt 6 tal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ sa ... [36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].*** Huma għandhom ***minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.***

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk ***il-miżuri***, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. ***Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.***

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS

L-Annessi *għad-Direttiva 2003/59/KE* huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) It-taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-livell minimu tal-kwalifika għandu jkun komparabbli sa tal-inqas il-livell 2 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki kif previst fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008*.

* Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (2008/C111/01) (ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1).";

(ii) il-punt 1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.2. Objettiv: biex ikunu magħrufa l-karatteristiċi tekniċi u l-operat tal-kontrolli tas-sikurezza, sabiex ikun hemm kontroll tal-vettura, jitnaqqas it-tkagħbir bl-użu, u biex il-vettura ma taħdimx ħażin:

limiti għall-użu tal-brejkijiet u r-retarder, użu kkombinat tal-brejkijiet u r-retarder, isir użu aħjar tal-proporzjon bejn il-veloċità u l-gerijiet, isir użu tal-inerzja tal-vettura, jintużaw modi biex tonqos il-veloċità u jintużaw il-brejkijiet fuq il-mogħdijiet għan-niżla, azzjoni fil-każ ta' falliment, użu tal-apparat elettroniku u mekkaniku bħall-Programm Elettroniku tal-Istabbiltà (ESP), is-Sistema Avanzata tal-Brejk ta' Emerġenza (AEBS), is-Sistema Antilokk tal-Ibbrejkjar (ABS), is-Sistemi ta' Kontroll tat-Trazzjoni (TCS) u s-Sistemi ta' Monitoraġġ fil-Vettura (IVMS) u oħrajn, approvati għall-użu, apparat ta' assistenza għas-sewwieq jew awtomatizzazzjoni.";

- (iii) il-punt 1.3 ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3. Objettiv: kapaċità li jiġi ottimizzat il-konsum tal-fjuwil:

ottimizzazzjoni tal-konsum tal-fjuwil permezz tal-applikazzjoni tal-
għarfien fir-rigward tal-punti 1.1 u 1.2, l-importanza li jiġi antiċipat il-
fluss tat-traffiku, id-distanza xierqa minn vetturi oħra u l-użu tal-
momentum ***tal-vettura***, veloċità stabbli, stil ta' sewqan kalm u pressjoni
tat-tajers adattata, ***u familjarità mas-sistemi tat-trasport intelliġenti li
jtejbu l-effiċjenza fis-sewqan u jassistu fl-ippjanar tar-rota.***";

- (iv) il-punt li ġej jiddaħħal qabel l-intestatura "Liċenzji C, C+E, C1, C1+E":

"1.3a. Objettiv: kapaċità ta' antiċipazzjoni, valutazzjoni u adattament għar-riskji tat-traffiku:

li wieħed ikun konxju u jadatta għal kundizzjonijiet differenti tat-triq, it-traffiku u t-temp, jantiċipa l-avvenimenti futuri; li wieħed ***jifhem kif iħejji u jippjana vjaġġ f'kundizzjonijiet tat-temp mhux tas-soltu; li wieħed ikun familjari ma' kif jintuża t-tagħmir ta' sikurezza relatat u jifhem meta vjaġġ ikun irid jiġi pospost jew ikkanċellat minħabba kundizzjonijiet tat-temp estremi***; li wieħed jadatta għar-riskji tat-traffiku, ***inkluża l-imġiba perikoluża jew distratta waqt is-sewqan (l-użu ta' apparat elettroniku, l-ikel, ix-xorb, eċċ.)***; li wieħed jinduna b'sitwazzjonijiet perikolużi u jadatta għalihom, ***u li wieħed ikun kapaċi jikkontrolla t-tensjoni li tirriżulta minn dawn is-sitwazzjonijiet***, b'mod partikolari b'rabta mad-daqs u l-piż tal-vetturi u l-vulnerabbiltà tal-utenti stradali, bħall-persuni mexjin, iċ-ċiklisti u s-sewwieqa tal-muturi;

li wieħed jidentifika s-sitwazzjonijiet perikolużi possibbli u jinterpreta sew kif dawn is-sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi jistgħu jirriżultaw f'sitwazzjonijiet fejn wieħed ma jkunx jista' jevita ħabta u jagħżel u jimplimenta azzjonijiet li jżidu l-marġni tas-sikurezza sa tali punt li ħabta xorta waħda tista' tiġi evitata fil-każ li jkun hemm okkorrenza tal-perikli potenzjali.";

(v) il-punt 1.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.4. Objettiv: kapacià li l-vettura titgħabba skont ir-regoli tas-sikurezza u l-użu korrett tal-vettura:

forzi li jaffettwaw lill-vetturi mexjin, użu ta' rapporti tal-gearbox skont it-tagħbija tal-vettura u l-għamla tat-triq, użu ta' sistemi ta' trażmissjoni awtomatika, kalkolu tat-tagħbija li jista' jinġarr minn vettura jew grupp ta' vetturi, kalkolu tal-volum totali, distribuzzjoni tat-tagħbija, konsegwenzi ta' tagħbija żejda fuq il-fus, stabbiltà tal-vettura u ċentru tal-gravità, tipi ta' imballaġġ u paletti;

kategoriji ewlenin ta' merkanzija li jeħtieġu jkunu stivati, u metodi ta' rbit bil-klamp u stivar, użu ta' ċineg għall-istivar, kontroll ta' tagħmir ta' stivar, użu ta' tagħmir ta' tqandil, tqegħid u tneħħija ta' inċirajjet.";

(vi) *il-punt 1.5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1.5. Objettiv: kapaċità li jkunu assigurati l-kumdità u s-sigurtà tal-passiġġieri:

adattament tal-movimenti trasversali u lonġitudinali, tqassim tat-triq, pożizzjoni fit-triq, użu bil-mod tal-brejks, id-dinamika tal-isporġenti, l-użu ta' infrastrutturi speċifiċi (żoni pubbliċi, linji tat-triq riżervati), kontroll ta' konflitt bejn sigurtà fis-sewqan u funzjonijiet oħra tas-sewwieq, interazzjoni mal-passiġġieri, *speċifiċitajiet* ta' ċerti gruppi ta' passiġġieri (persuni b'diżabbiltà, tfal).";

(vii) il-punt 1.6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.6. Objettiv: kapaċità li l-vettura titgħabba skont ir-regoli tas-sikurezza u l-użu korrett tal-vettura:

forzi li jaffettwaw lill-vetturi mexjin, użu ta' rapporti tal-gearbox skont it-tagħbija tal-vettura u l-għamla tat-triq, użu ta' sistemi tat-trażmissjoni awtomatika, kalkolu tat-tagħbija li tista' għorr vettura jew grupp ta' vetturi, distribuzzjoni tat-tagħbija, konsegwenzi ta' tagħbija żejda fuq il-fus, stabbiltà tal-vettura u ċentru ta' gravità.";

(viii) il-punt 2.1 ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. *Objettiv: għarfien tal-ambjent soċjali tat-trasport stradali u r-regoli li jirregolawh:*

perijodi massimi ta' xogħol speċifiċi għall-industrija tat-trasport;
prinċipji, applikazzjoni u konsegwenzi tar-Regolamenti (KE)
Nru 561/2006* u (UE) Nru 165/2014** tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill; penali għan-nuqqas ta' użu, użu skorrett u tbaġħbis tat-takografu;
tagħrif dwar l-ambjent soċjali tat-trasport stradali: drittijiet u dmirijiet
tas-sewwieqa fir-rigward tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perijodiku.

* Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

**** Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).";**

(ix) *il-punt 2.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"2.2. Objettiv: għarfien tar-regolamenti li jirregolaw il-ġarr ta' merkanzija:

liċenzji għal operazzjonijiet ta' trasport, ***dokumenti li jridu jinġarru fil-vettura, projbizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti toroq, tariffi għall-użu tat-toroq***, obbligi taħt kuntratti standard għall-ġarr ta' merkanzija, tfassil ta' abbozzi ta' dokumenti li jikkostitwixxu l-kuntratt ta' trasport, permessi ta' trasport internazzjonali, obbligi taħt il-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija bit-Triq, abbozz tan-nota ta' kunsinna internazzjonali, qsim ta' fruntieri, kummissjonarji ta' trasport, dokumenti partikolari li jakkumpanjaw il-merkanzija.";

- (x) il-punt 3.7 ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.7. *Objettiv: għarfien tal-ambjent ekonomiku tat-trasport stradali tal-merkanzija u l-organizzazzjoni tas-suq:*

trasport stradali b'rabta ma' metodi oħra ta' trasport (kompetizzjoni, spedituri), attivitajiet differenti ta' trasport stradali (trasport għall-kiri jew bi ħlas, f'isem il-persuna, attivitajiet ta' trasport awżiljari), organizzazzjoni tat-tipi ewlenin ta' kumpannija tat-trasport u attivitajiet ta' trasport awżiljari, speċjalizzazzjonijiet differenti ta' trasport (bawżer, temperatura kkontrollata, merkanzija perikoluża, trasport ta' annimali, eċċ.), tibdil fl-industrija (diversifikazzjoni ta' servizzi mogħtija, trasport stradali u ferrovjarju kkombinat, sottokuntrattar, eċċ.).";

- (xi) il-punt 3.8 ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.8. Objettiv: għarfien tal-ambjent ekonomiku tal-ġarr ta' passiġġieri bit-triq u l-organizzazzjoni tas-suq:

ġarr ta' passiġġieri bit-triq b'rabta ma' metodi oħra ta' trasport ta' passiġġieri (ferrovija, karozza privata), attivitajiet differenti li jinvolvu ġarr ta' passiġġieri bit-triq, sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà, qsim ta' fruntieri (trasport internazzjonali), organizzazzjoni tat-tipi ewlenin ta' kumpanniji għall-ġarr ta' passiġġieri bit-triq.";

(b) It-taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. Opzjoni li tikkombina kemm l-attendenza għall-kors kif ukoll eżami

Il-kwalifika inizjali trid tinkludi t-tagħlim tas-suġġetti kollha fil-lista tat-taqsima 1. Id-durata ta' din il-kwalifika inizjali trid tkun ta' 280 siegħa.

Kull sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid isuq għal mill-anqas 20 siegħa individwalment f'vettura tal-kategorija kkonċernata li tissodisfa mill-anqas ir-rekwiżiti għall-vetturi tat-testijiet kif stabbilit fid-Direttiva 2006/126/KE.

Waqt li jkun qed isuq individwalment, is-sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid ikun akkumpanjat minn għalliem, impjegat minn ċentru tat-taħriġ approvat. Kull sewwieq li jkun qed jitħarreġ jista' jsuq għal massimu ta' tmien sigħat mill-20 siegħa li jsuq individwalment fuq art speċjali jew fuq simulatur tal-aqwa kwalità sabiex ikun ivvalutat it-taħriġ fis-sewqan razzjonali bbażat fuq regolamenti tas-sikurezza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tal-vettura f'kundizzjonijiet differenti tat-triq u l-mod ta' kif dawn jinbidlu skont kundizzjonijiet atmosferiċi differenti, il-ħin tal-jum jew tal-lejl, u l-kapaċità li jiġi ottimizzat il-konsum tal-fjuwil.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li *parti mit-taħriġ tingħata miċ-ċentru tat-taħriġ approvat* permezz tal-għodod tal-ICT, bħat-tagħlim elettroniku, filwaqt li jiżguraw *li jinżammu l-kwalità għolja u l-effikaċja* tat-taħriġ, *u billi jagħżlu s-suġġetti fejn l-għodod tal-ICT ikunu jistgħu jintużaw bl-aktar mod effikaċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-identifikazzjoni affidabbli tal-utent u mezz ta' kontroll xierqa. L-Istati Membri* jistgħu jgħoddu taħriġ speċifiku meħtieġ skont leġislazzjoni tal-Unjoni oħra bħala parti mit-taħriġ. Dan jinkludi, iżda mhux ristrett għal, taħriġ meħtieġ skont id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża, taħriġ dwar sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u taħriġ dwar it-trasport tal-annimali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005***.

Għas-sewwieqa msemmija fl-Artikolu 5(5) it-tul tal-kwalifika inizzjali jrid ikun ta' 70 siegħa, inklużi ħames sigħat ta' sewqan mis-sewwieq individwali.

Fi tmiem dak it-taħriġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-entità maħtura minnhom għandhom jagħmlu eżami bil-miktub jew orali lis-sewwieq. L-eżami jrid jinkludi mill-anqas mistoqsija waħda dwar kull wieħed mill-għanijiet li jidhru fil-lista tas-suġġetti fit-taqsima 1.

-
- * Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' merkanzija perikoluża (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).
 - ** Ir-Regolament (UE) 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).
 - *** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).";

(ii) fil-punt 2.2(b), it-tieni *subparagrafu* huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-vettura użata għall-eżami Prattiku trid tissodisfa mill-anqas ir-rekwiżiti għall-vetturi tat-test stabbiliti fid-Direttiva 2006/126/KE.";

(c) It-Taqsimiet 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Taqsima 3: Kwalifika inizjali aċċellerata prevista fl-Artikolu 3(2)

Il-kwalifika inizjali aċċellerata trid tinkludi t-tagħlim tas-suġġetti kollha li jidhru fil-lista fit-taqsima 1. Id-durata tagħha trid tkun ta' 140 siegħa.

Kull sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid isuq għal mill-anqas 10 sigħat individwalment f'vettura tal-kategorija kkonċernata li tissodisfa mill-anqas ir-rekwiżiti għall-vetturi tat-test stabbiliti fid-Direttiva 2006/126/KE.

Waqf li jkun qed isug individwalment, is-sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid ikun akkumpanjat minn għalliem, impjegat minn ċentru tat-taħriġ approvat. Kull sewwieq li jkun qed jitħarreġ jista' jsug għal massimu ta' erba' sigħat mill-10 sigħat ta' sewqan individwali fuq art speċjali jew fuq simulatur tal-aqwa kwalità sabiex ikun ivvalutat it-taħriġ f'sewqan razzjonali bbażat fuq regolamenti tas-sikurezza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tal-vettura f'kundizzjonijiet differenti tat-triq u l-mod kif dawk il-kundizzjonijiet tat-triq jinbidlu skont kundizzjonijiet atmosferiċi differenti, il-ħin tal-jum jew tal-lejl, u l-kapaċità li jiġi ottimizzat il-konsum tal-fjuwil.

Id-dispożizzjonijiet tar-raba' paragrafu tal-punt 2.1 għandhom japplikaw ukoll għall-kwalifika inizjali aċċellerata.

Għas-sewwieqa msemmija fl-Artikolu 5(5), it-tul tal-kwalifika inizjali aċċellerata jrid ikun ta' 35 siegħa, inklużi sagħtejn u nofs ta' sewqan individwali.

Fi tmiem dak it-taħriġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-entità maħtura minnhom għandhom jagħmlu eżami bil-miktub jew orali lis-sewwieq. L-eżami jrid jinkludi mill-anqas mistoqsija waħda dwar kull wieħed mill-għanijiet li jidhru fil-lista tas-suġġetti fit-taqsima 1.

Taqsima 4: Taħriġ perjodiku obbligatorju previst fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1)

Ċentru approvat tat-taħriġ irid jorganizza korsijiet ta' taħriġ perijodiku obbligatorji. Id-durata tagħhom trid tkun ta' 35 siegħa kull ħames snin, mogħtija f'perijodi ta' mill-anqas seba' sigħat, *li jistgħu jinqas fuq mhux inqas minn jumejn konsekuttivi.*

Kull meta jintuża t-tagħlim elettroniku, iċ-ċentru tat-taħriġ approvat għandu jiżgura li tinżamm il-kwalità xierqa tat-taħriġ, inkluż billi jagħżel is-suġġetti fejn l-għodod tal-ICT jistgħu jintużaw bl-aktar mod effikaċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-identifikazzjoni affidabbli tal-utent u mezz ta' kontroll xierqa. Id-durata massima tat-taħriġ permezz tat-tagħlim elettroniku ma għandhiex taqbeż 12-il siegħa.

Tal-inqas wieħed mill-perijodi ***tal-kors tat-taħriġ*** għandu jkopri suġġett marbut mas-sikurezza stradali. Il-kontenut tat-taħriġ għandu jkoll il-ħtiġijiet tat-taħriġ speċifiċi għall-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa mis-sewwieq u l-iżviluppi legali u teknoloġiċi rilevanti ***u għandu, kemm jista' jkun, iqis il-ħtiġijiet tat-taħriġ speċifiċi tas-sewwieq. Fuq medda ta' 35 siegħa għandha tiġi koperta firxa ta' suġġetti differenti, inkluż taħriġ ripetut fejn jintwera li s-sewwieq ikun jeħtieġ taħriġ korrettiv speċifiku.***

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw jgħoddu t-tlestija tat-taħriġ speċifiku meħtieġ minn leġislazzjoni oħra tal-Unjoni ***għal massimu ta'*** wieħed mill-perijodi ***stipulati*** ta' seba' sigħat. Dan jinkludi, iżda mhux ristrett għal, taħriġ meħtieġ skont id-Direttiva 2008/68/KE dwar ***it-trasport*** ta' merkanzija perikoluża, taħriġ dwar it-trasport tal-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005, u, għall-ġarr tal-passiġġieri, taħriġ fis-sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 181/2011. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li t-taħriġ speċifiku mitmum kif meħtieġ mid-Direttiva 2008/68/KE għat-trasport ta' merkanzija perikoluża jgħodd għal tnejn mill-perijodi ta' seba' sigħat, dment li dan ikun l-uniku taħriġ ieħor meqjus fit-taħriġ perijodiku.***";

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARRANĠAMENTI GĦALL-MUDELL TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL KARD TA' KWALIFIKA TAS-SEWQAN";

(b) It-taqsima 2 *hija emendata kif ġej:*

(i) rigward in-naħa 1 tal-kard ta' kwalifika tas-sewqan:

— fil-punt (d), il-punt (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. il-kategoriji ta' vetturi li għalihom is-sewwieq jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perijodiku;"

— fil-punt (e), l-ewwel *sentenza* hija sostitwita b'dan li ġej:

"it-titolu "Mudell tal-Unjoni Ewropea" fil-lingwa jew lingwi tal-Istat Membru li jgħod li il-kard u l-intestatura "kard ta' kwalifika tas-sewqan" fil-lingwi uffiċjali l-oħrajn tal-Unjoni, stampati bil-blu biex jiffurmaw l-isfond tal-kard:"

(ii) *fir-rigward tan-naħa 2 tal-kard ta' kwalifika tas-sewqan*, fil-punt (a), il-punti (9) u (10) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"9. il-kategoriji ta' vetturi li għalihom is-sewwieq jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perijodiku;

10. il-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, '95', previst fl-Anness I għad-Direttiva 2006/126/KE;"

(c) *It-Taqsima 4 hija emendata kif ġej:*

(i) *it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"MUDELL TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL KARD TA' KWALIFIKA TAS-SEWQAN";

(ii) *fuq in-naħa 2 tal-mudell, taħt in-numru 10, "Kodiċi tal-Komunità" hija sostitwita b'"Kodiċi tal-Unjoni";*

(d) *Tiżdied it-taqsima li ġejja:*

"5. Dispożizzjonijiet tranżitorji

Il-kards ta' kwalifika tas-sewqan maħruġa qabel ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] għandhom jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom."

(3). *Jiżdied l-Anness li ġej:*

"Anness III – Tabella ta' korrispondenza għar-referenzi għal ċerti kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan

<i>Referenza f'din id-Direttiva</i>	<i>Referenza fid-Direttiva 2006/126/KE</i>
<i>C+E</i>	<i>CE</i>
<i>C1+E</i>	<i>C1E</i>
<i>D+E</i>	<i>DE</i>
<i>D1+E</i>	<i>D1E</i>

".
